MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 327/2003

**APS Bank Ltd.**

**vs**

**Mario Aquilina**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm4,472.05) dovuta kwantu ghas-somma ta' Lm3,391.20 bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 1185371013 u kwantu ghas-somma ta' Lm1,080.85 bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 11853730017, ilkoll dovuti skond kuntratt ta' "overdraft" fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella tas-sitta (6) ta' Novembru, 1997 (Dok A).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghax

ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2002, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba attrici ghas-somma ta' erbat elef, erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hames cemtezmi (Lm4,422.05).

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' Ottubru, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe erbat elef, erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hames cemtezmi (Lm4,422.05) bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------